



*Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
Il-President*

26.5.2021

Is-Sur Antonio Tajani,
President
Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 50 tat-TUE (2020/2136(INI))

Sur President,

Skont il-proċedura msemmija hawn fuq, il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali ddeċieda li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Mejju 2021, il-Kumitat iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Waqt dik il-laqgħa, il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali kkunsidra l-kwistjoni u ddeċieda li jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu.

Dejjem tiegħek,

Bernd Lange,

SUĠĠERIMENTI

A. Billi l-ħruġ mill-Unjoni Ewropea ta' Stat Membru jikkostitwixxi xokk politiku, ekonomiku u soċjali qawwi li l-konsegwenzi negattivi tiegħu jistgħu jittaffew parzjalment biss permezz ta' arranġament ta' ħruġ ordnat, ippjanat u negozjat bir-reqqa;

B. Billi l-proċess tal-ħruġ tar-Renju Unit wera b'mod ċar li ma kienx ippjanat sew mill-istat li ħiereġ, u dan intwera mill-ġhadd kbir ta' bidliet tal-pożizzjoni tar-Renju Unit dwar kwistjonijiet fundamentali relatati mal-ħruġ tiegħu, u b'hekk inħolqu livelli addizzjonali ta' kumplessità fin-negozjati, u wkoll iddġhajfu t-tħejjijiet tal-operaturi ekonomiċi u l-kapaċità taċ-ċittadini tal-UE u tar-Renju Unit li jadattaw għas-sitwazzjoni l-ġdida;

1. Iqis li l-perjodu ta' sentejn stabbilit skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE għal meta t-Trattati tal-UE ma jibqgħux japplikaw għall-Istat Membru li ħiereġ mill-mument tan-notifika tal-ħruġ tiegħu huwa qasir wisq sabiex jiħejjew il-bidliet kbar fir-relazzjoni ekonomika u kummerċjali bejn l-UE u l-istat li ħiereġ, speċjalment peress li kwalunkwe ħruġ dejjem jinvolvi diżintegrazzjoni ta' tfixkil tar-rabtiet ekonomiċi u diverġenza tar-reġimi regolatorji; ifakkar li matul il-perjodu ta' sentejn l-operaturi u ċ-ċittadini kollha tal-UE, kif ukoll is-sħab kummerċjali ta' pajjiżi terzi ffaċċjaw livell bla preċedent ta' inċertezza ġuridika;

2. Jissottolinja li, minħabba l-livell ta' integrazzjoni tas-suq intern tal-UE, il-ħruġ ta' Stat Membru jaffettwa l-oqsma kollha tal-attività ekonomika, u jeħtieġ li jkun hemm aġġustamenti ġuridiċi u amministrattivi fil-livelli kollha tal-UE, tal-Istati Membri u fil-livelli lokali, liema aġġustamenti jeħtieġu li jkunu akkumpanjati minn kampanji ta' sensibilizzazzjoni u dokumenti ta' gwida dettaljati, kif kien il-każ tal-avviżi ta' tħejjija għall-Brexit li l-Kummissjoni ppubblikat bi tħejjija għall-ħruġ tar-Renju Unit, u dan kollu fl-għarfien tat-tfixkil li kien se jseħħ, kemm fil-każ ta' ħruġ ordnat abbażi ta' ftehim, kif ukoll f'każ ta' ħruġ mingħajr soluzzjoni negozjata;

3. Josserva li l-ħruġ ta' Stat Membru pproduċa konsegwenzi ġuridiċi mingħajr preċedent għall-impenji internazzjonali tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa li jiġu rinegozjati l-kwoti tariffarji miftiehma fil-livell tad-WTO biex jitqies is-sehem tal-kwota użat mill-Istat Membru li jkun se jitlaq, u biex b'hekk il-pajjiżi terzi jkunu jistgħu jagħmlu talbiet addizzjonali għall-aċċess għas-suq; iqis li bil-ħruġ tar-Renju Unit, it-tqassim tal-kwoti tariffarji tal-UE kien, bħala prinċipju, ġestit tajjeb, billi l-ewwel ġie adottat att leġiżlattiv intern li jstabbilixxi l-ishma l-ġodda tal-kwota tal-UE li għadhom kif tqassmu (b'mod partikolari fil-forma tar-Regolament (UE) 2019/216¹) u li wara ġie segwit minn negozjati ma' pajjiżi terzi fil-livell tad-WTO minkejja li ma hemm l-ebda dispożizzjoni ġuridika fil-livell tad-WTO li tindirizza d-diżintegrazzjoni ta' Unjoni Doganali;

4. Fid-dawl tal-effetti ekonomiċi u kummerċjali kbar kaġun tal-ħruġ ta' Stat Membru mill-UE, jirrakkomanda lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali li jkun ta' benefiċċju għall-ġestjoni tal-proċess ta' ħruġ, li l-politika kummerċjali tinvolvi aktar mill-qrib lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali sa mill-aktar stadji bikrija tal-proċess tan-negozjati dwar il-ħruġ;

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/216 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Jannar 2019 dwar it-tqassim tal-kwoti tariffarji inklużi fl-iskeda tad-WTO tal-Unjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000, PE/71/2018/REV/1, ĠU L 38, 8.2.2019, p. 1-25